31 ta' Diċembru 2016
119/2016

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' JANNAR 2017**

Il-Ħadd l-1 ta' Jannar 2017, fid-9.00 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fis-Solennità ta' Marija Omm Alla u l-Jum Dinji tal-Paċi, fid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq TVM, Radju RTK u fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 7 ta' Jannar, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa għall-koppji li żżewġu fl-2016, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa hija organizzata mill-Moviment ta' Kana u ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 8 ta' Jannar, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-Epifanija, li matulha jilqa' lil żewġ seminaristi bħala kandidati għas-saċerdozju, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tiġi mxandra 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta. Fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess ta' Dun Mario Mangion bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

Il-Ġimgħa 13 ta' Jannar, fis-6:45 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa waqt laqgħa għall-voluntiera ta' Radju Marija, fiċ-Ċentru Pastorali Qalb Ta' Ġesù, il-Qrendi.

Is-Sibt 14 ta' Jannar, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess ta' Dun Denis Schembri bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Manikata.

Il-Ħadd 15 ta' Jannar, fis-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa għall-koppji li ser jiżżewġu matul l-2017, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa hija organizzata mill-Moviment ta' Kana u ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħamis 19 ta' Jannar, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jieħu sehem f'Servizz Ekumeniku, fil-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 21 ta' Jannar, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi Traslazzjoni Solenni tar-Relikwa u Vespri, fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-Katidral tal-Imdina.

Il-Ħadd 22 ta' Jannar, fid-9.30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-festa tal-Konverżjoni ta' Missierna San Pawl, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa f'għeluq il-Ġublew tal-Ordni Duminkan, fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat.

Is-Sibt 28 ta' Jannar, fis-6:00 p.m, Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess ta' Dun Anton Cassar bħala arċipriet tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**